MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2012

Numru 1143/2012

**Il-Pulizija**
**(Spt. Nezren Grixti)**
**vs**
**Neville Meli**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Neville Meli** ta’ 38 sena, bin George u Doris nee’ Meli, imwieled Pieta’ f’20.04.1974 u residenti Le Boulanger, Triq Anthony Sammut, Mellieha u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 0223574(M);

Talli fl-1 ta’ Novembru, 2012 ghall-habta ta’ 01:30hrs u jiem qabel din id-data f’dawn il-gzejjer;

1. impjegajt lil Mohamed Alhamroni Abdullha Yonos ta’ 29 sena ta’ nazzjonailta Libjana b’numru tal-passaport W287411 u lil Abdurahman Hamsa Abourzzaq

ta’ 27 sena ta’ nazzjonalita’ Libjana ukoll b’numru tal-passaport W317529 gewwa George Bakery li jinsab gewwa Triq George Borg Oliver Mellieha, jew tajt xoghol lil persuna li ma kienx persuna ezentata u li ma kellhiex licenzja moghtija lilha ghal dak l-impjieg jew xoghol skond id-disposizzjonijiet tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta’ Malta taht l-Artikolu 32(1)(b);

2. aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi bhala l-principal, impjegajt persuna li ma kienitx cittadin ta’ Malta meta dik il-persuna ma kellhiex permess tax-xoghol bi ksur ta’ Artikolu 7 tal-legislazzjoni Sussidjarja 343.23 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. u aktar ukoll talli fl-istess zmien u cirkostanzi bhala l-principal, jew il-persuna li impjegat persuni ohra, full-time, part-time jew xort’ohra b’kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, inqast li tinnotifika lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig b’dan l-impjieg kif hemm fl-Avviz Legali 110 tas-sena 1993 (3a).

Rat il-kunsens tal-avukat generali skond l-artikolu 370(4) tal-Kap 9 kif ukoll in-nuqqas ta’ oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kawza kontra tieghu tkun trattata u deciza bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Rat l-atti tal-kawza;

Stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghalhekk qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Rat l-artikoli 32(1)(b) tal-Kap 217, 3(a) u 7 tal-AL 110 tal-1993 kif emendat;

Rat il-fedina penali tal-imputat;

Tikkundanna lill-imputat ghal-hlas ta’ multa komplessiva ta’ elf mija hamsa u sittin Euro (€1165).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------